MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 546/2013

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**vs.**

**Annika Suvi Johanna Vaisanen**

**(K.I. Numru 65494 A)**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors promotur datat il-5 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu id-Direttur Generali rikorrenti fuq indikat sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi d-direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu, 2010, giet implimentata fil-ligi ta' Malta permezz tal-Avviz Legali 153/2012, datat l-1 ta' Jannar, 2012;

1.2. Illi l-awtorita` kompetenti tal-Finlandja ghamlet talba ghall-assistenza tar-rikorrenti biex dan jirkupra it-taxxa dovuta lilu mill-intimata;

1.3. Illi t-taxxa minnha hekk dovuta tammonta ghal hdax -il-elf, tliet mija u erba` Ewro u tmienja u sebghin centezmu, (€11,304.78), kif jidher mid-Dokument 'A', (ara foll 5), oltre l-interessi dovuti skont il-ligi;

1.4. Illi li l-imsemmi ammont hu dovut *ai termini* tal-artiklu 9 tal-Avviz Legali fuq riferit;

1.5. Illi giet ukoll ipprezentata d-debita traduzzjoni skont il-ligi;

1.6. Illi in vista tal-premess l-istess rikorrenti jitlob lil din il-Qorti:

1.6.1. Tordna li kopja tar-rikors odjern u d-dokument esebiti jigu notifikati lill-intimata;

1.6.2. Tordna r-registrazzjoni ta' l-istess dokumenti bhala dokumenti ufficjali sabiex b'hekk jikkostitixxu titolu ezekuttiv;

2. Rat id-dokumenti esebiti;

3. Tirrileva li l-intimata hi fi stat ta' kontumacja *stante* d-debita notifika skont il-ligi, (ara foll 37);

4. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti datat id-9 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu kkonfermat il-mertu tar-rikors promotur;

5.0. Illi in vista ta' l-istess din il-qorti hi sodifatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Tordna r-registrazzjoni ta' l-istess rikors promotur u tad-dokument annessi biex jikkostitixxu titolu ezekuttiv;

5.2. Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------